MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 35/2006

**Talba Nru: 35/06VGD**

Maltacom p.l.c. (C22334)

Vs

Michelina Rebecca Scerri (Id. 320457M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas minghand il-konenuta tas-somma ta' mitejn, u tmienja u hamsin lira Maltin u tlett centezmi (Lm258.03c) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma servizz telefoniku li jgib in-numru 21255130, skond diversi kontijiet mibghuta lil-konvenuta, li

giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza, bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta’ dan l-Avviz kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenuta thallas is-somma ta’ mitejn, u tmienja u hamsin lira Maltin u tlett centezmi (Lm258.03c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez ta’ din il-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------